HSBC

HSBC Bank Malta p.l.c., 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT 1444

# Il-Ħamsa u Tletin Laqgħa Ġenerali Annwali
7 ta' April 2011

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Avviż tal-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-HSBC Bank Malta p.l.c. li ser issir fil-Hilton Malta, Portomaso, San Ġiljan nhar il-Ħamis, 7 ta' April, 2011. Ir-reġistrazzjoni tibda fl-4.00pm u l-laqgħa tibda fil-5.00pm biex tikkunsidra u, jekk jidhrilha xieraq, tapprova dawn ir-riżoluzzjonijiet:

Biex tirċievi u tapprova l-kontijiet annwali verifikati għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2010, u tikkonsidra r-rapporti tad-Diretturi u l-Awdituri dwarhom.

Biex tapprova, kif rakkomandat mill-Bord tad-Diretturi, ħlas finali ta' dividend gross ta' €0.077 ċenteżmi għal kull sehem, liema ħlas finali jammonta għas-somma totali ta' €22,471,680.

Biex terġa' tappunta lill-awdituri KPMG u biex il-Bord tad-Diretturi jiġi awtorizzat jiffissa r-rinumerazzjoni tagħhom.

Biex tiġi stabbilita s-somma massima ta' €230,000 bħala rinumerazzjoni totali lid-Diretturi.

Biex tappunta u teleġġi d-Diretturi.

**Nota:** Mistoqsijiet relatati mar-riżoluzzjonijiet imsemmija hawn fuq jistgħu jintbagħtu lis-Segratarju tal-Kumpanija bil-posta jew b'e-mail fuq companysecretarymalta@hsbc.com. Informazzjoni relatata mal-laqgħa tinstab fuq il-websajt tal-bank www.hsbc.com.mt fis-sezzjoni tal-*Investor Relations*.

*Bl-ordni tal-Bord*



*Dr George Brancaleone LL.D.*
*Segretarju tal-Kumpanija*
*15 ta' Marzu 2011*

## DĦUL GĦAL-LAQGĦA

**L-Azzjonisti jew il-Prokuraturi tagħhom biss jistgħu jattendu għal-Laqgħa.**

**Biex tkun tista' tidħol għal-Laqgħa inti, jew il-Prokuratur tiegħek, trid tippreżenta dan l-avviż fil-bieb. Min jattendi jrid juri wkoll il-karta tal-identità.**

**Jiġu pprovduti biljetti għall-parkeġġ. Jekk tixtieqU servizz ta' traduzzjoni waqt l-AGM għandkom iċċemplu mhux aktar tard mis-26 ta' Marzu 2011 fuq in-numri 2597 2404 / 2597 2405. Jekk ser jattendi l-Prokuratur, imla hawn taħt:**

______________________________

Isem tal-Prokuratur

______________________________

Numru tal-Karta tal-Identità tal-Prokuratur

______________________________

Firma tal-Azzjonist

## Noti

1. Dan l-avviż intbagħat lill-membri li kienu reġistrati fit-8 ta' Marzu 2011. Membri rreġistrati f'din id-data biss ikollhom id-dritt li jieħdu sehem u jivvotaw fil-Laqgħa.
2. Dħul u Formola tal-Prokura:
   a) Membru li għandu d-dritt jattendi u jivvota jista' jaħtar prokuratur. Il-prokuratur mhux bilfors irid ikun membru tal-kumpanija. Formola tal-Prokura flimkien ma' *self addressed envelope* qegħdin jintbagħtu ma' dan l-avviż.
   b) Fil-każ ta' azzjonijiet f'aktar minn isem wieħed, il-formoli ntbagħtu lill-ewwel persuna mniżżla fir-reġistru. Din il-persuna għandha d-dritt li tivvota jew tappunta prokuratur. Il-ko-membri l-oħra jistgħu jivvutaw biss minflok l-ewwel persuna mniżżla fir-reġistru permezz tal-Formola ta' Prokura li trid tasal għand is-Segretarju tal-Kumpanija mhux inqas minn 48 siegħa qabel il-ħin tal-Laqgħa. Il-ko-membri kollha jistgħu jattendu l-Laqgħa.
   ċ) Fil-każ ta' minorenni, it-tutur jista' jattendi u jivvota billi jippreżenta dan id-dokument flimkien mal-karta tal-identità.
   d) Kumpaniji u Assoċjazzjonijiet iridu jagħtu lir-rappreżentant tagħhom l-awtorità neċessarja u din trid tintwera fil-bieb.
3. Il-Bord tad-Diretturi jikkonsisti f'mhux aktar minn disa' (9) diretturi. Skont Klawsola 7 tal-Memorandum tal-Assoċjazzjoni u Artiklu 77 (4) tal-Istatut ta' Assoċjazzjoni, matul il-Laqgħa: (a) jistgħu jiġu appuntati sitt (6) diretturi, u (b) jiġu eletti tliet (3) diretturi. Peress li din is-sena tliet persuni biss ġew nominati għall-elezzjoni, mhux ser ikun hemm votazzjoni u s-sinjuri hawn taħt imsemmija jiġu eletti awtomatikament: **James Dunbar Cousin, Saviour Sive Sonny Portelli u Peter Paul Testaferrata Moroni Viani.**